KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tal-għaxar (10) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**Il-Ħamis, 3 ta' Diċembru, 2015 fil-5.30 pm**

---

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Joseph Azzopardi | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Brittany Attard | Ambaxxatrici taz-Zghazagh |

***Skużata:***

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

---

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tad-disgħa (9) laqgħa, tat-Tnejn 2 ta' Novembru 2015 tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u dikjarati bħala dokument uffiċjali.

Bħala punti mill-minuti, is-Sindku Edward Said innota:

a. Is-Sindku nnota li fl-aħħar laqgħa ddiskutejna l-Memo dwar l-attivitajiet kulturali. Hu dakinhar kien stieden lill-Viċi Sindku Eucharist Camilleri biex jagħtina bażi għal-applikazzjoni tagħna. Hu kompla li ssottomettejna l-applikazzjoni tagħna u għadda kopja tal-applikazzjoni tagħna lil-kunsilliera.

b. Dwar iċ-Ċentru tal-Anzjani, is-Sindku nnota li Lina Mifsud bdiet tagħti s-servizzi tagħha ta' ko-ordinatur u qed ikollna kummenti sbieħ mingħand l-anzjani.

## 3. Korrispondenza.

| | |
|---|---|
| 5394 (b) | Applikazzjoni għal-tinda temporanja fi Pjazza Arċipriet Martin Camilleri mibgħuta mill-Perit Saviour Micallef f'isem Antonia Said. Il-Perit Micallef ippreżenta l-permess tal-M.E.P.A. fejn talab no-objection mill-Kunsill sabiex imbagħad issir it-talba lil l-awtoritajiet. Sadanittant is-Sindku nnota li kellna wkoll talba bil-miktub minn Govann Vella dwar tinda temporanja quddiem Gebuba Wine Bar fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Is-Sindku nnota li hu favur n-negozju fil-lokalita tagħna u tajjeb li jkunu nnovativi sakemm isir kollox skont il-ligi u bil-permessi kollha neċessarji. Hu kompla li l-Kunsill, permezz tal-Perit tiegħu, qed jiffinalizza master plan u llum irċevejna risposta pożittiva għall-proposta ta' sewqan mhux iktar minn 30 km fis-siegħa fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Hu kompla li meta qed naghtu no objection ta' dan it-tip qed naghtu cans lill-negozju biex jaħdem. Is-Sindku spjega li aħna ma aħna ser napprovaw l-ebda tinda għax dan jistaw jagħmluh biss awtoritajiet oħra.<br><br>Il-Vici Sindku Eucharist Camilleri nnota li hu wkoll favur in-negozju pero kull talba trid tigi ikkunsidrata fic-cirkustanzi tagħha. Filwaqt li t-talba tal-Gebuba qed issir quddiem proprjeta tiegħu, l-oħra qed issir quddiem proprjeta ta' ħaddiehor. Huwa sostna li fl-opinjoni tiegħu, perjodu ta' sitt xhur ma hux temporanju. Il-kunsillier Michael Camilleri qabel mal-argument tal-Viċi Sindku u għalhekk sostna li ma jistax jivvota favur dik tal-Pjazzetta. Il-kunsilliera Rita Mifsud innotat, li, filwaqt li tifhem l-argumenti tal-Vici Sindku u ta' Michael Camilleri, tħoss li filwaqt li ma għandiex tidħol f'argumenti bejn proprejtarji, hija ma ssibx oġġezzjoni għal ebda tinda minn dawn rikjesti, sakemm jiġu rispettati drittijiet ta' terzi persuni u jkun hemm approvazzjoni mill-awtoritajiet konċernati.<br><br>Ittieħed il-vot fuq ta' Gebuba Wine Bar propost mis-Sindku u sekondat mill-Vici Sindku u l-Kunsill qabel unanimament. Fuq it-talba tal-Perit Micallef f'isem Antonia Said, mingħajr preġudizzju tad-drittijiet ta' terzi persuni, ittieħed il-vot li kien ta' tnejn favur u tnejn kontra. Is-Sindku uża l-casting vote fejn ivvota favur u għalhekk in-no objection ser tingħata. |
| 5395 u 5396 | E-mail mingħand il-Perit Robert Grech dwar EPC for Community Centre. Dan irid jiġi ppreżentat sat-13 ta' Dicembru biex l-applikazzjoni ma taqgħax. L-ispiża hi ta' madwar 400 Ewro. Il-Kunsill qabel li dan jintbagħat u l-applikazzjoni tiġi segwita meta jkun hemm il-finanzjament għal dan il-proġett. |
| 5397 | Ittra mingħand Lawrence Borg fejn jaċċedi li jittieħed kampjun mis-sors fejn iġib l-ilma. |
| 5398 | Programm dwar il-Gimgha tal-Persuni b'Dizabilita. |
| 5399 | Memo 32/2015 dwar Espressjoni ta' Interess Għall-Impjieg ta' Persuni B'Diżabilita. Is-Sindku nnota li dan irid ikun klerikali. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għalissa ma ssirx applikazzjoni fuq din l-iskema. |
| 5400 | E-mail mingħand Lisa Marie Brooke fejn tinforma lil Kunsill li z-zjara tal-President giet postposta ghat-12 ta' Dicembru. Is-Sindku nnota li din ser issir bejn is-6 p.m. |

| | |
|---|---|
| | u s-6.45 p.m. Dakinhar il-President tiftah il-wirja tal-presepji. Ser nagħmlu gabra għall-Community Chest Fund waqt il-Christmas Market tat-8 ta' Dicembru u possibilment navzaw waqt il-quddies tal-Ħadd li ġej. |
| 5401 | Ittra ufficjali mill-Qorti fejn il-GO Plc qed titlob li jithallsu d-danni li saru fl-infrastruttura tagħhom waqt ix-xogħolijiet li saru fil-pjazza. |
| 5402 | Ittra mill-Kazin tal-Banda fejn offrewlna li jagħtuna s-sistema tal-P.A. għal dawn il-granet; din ilha tliet snin ma jintrama. |
| 5403 | Ittra mingħand il-Ministeru tal-Izvilupp Sostenibbli, L-Ambjent u Tibdil fil-Klima dwar il-Christmas Village b'konnessjoni mal-Istrina 2015. |
| 5404 | Talba mill-Perit Scerri f'isem il-parrocca tan-Nadur dwar ipparkjar quddiem cimiterju. Il-Kunsill qabel li noħorgu no objection għal din it-talba. |
| 5405 | Ittra mingħand Tereza Camileri dwar tneħħija ta' bus stop. Il-Kunsill qabel li ngħaddu din it-talba lil Transport Malta. |

## 4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Il-Vici Sindku nnota li, għandna nippruvaw nimxu mal-iskeda tal-pagamenti tal-PPP li kellna għas-sena 2016. Is-Sindku nnota li hu ltaqa ma' Gatt Tarmac ftit wara li ha l-kariga u qabel miegħu li jkun ikun hemm pagamenti regolari fuq il-PPP u hekk qed nagħmlu.

Is-Sindku Edward Said semma xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda u l-Kunsill approva l-iskeda kollha kemm hi.

## 5. Żvilupp dwar l-offerta pubblika tal-provista tal-ilma f'ġonna pubbliċi u soft areas.

Is-Sindku nnota li Ivan Xuereb ha l-kampjuni tas-sorsi tal-ilma mingħand it-tliet offerenti għal din l-offerta. Hu ha dawn il-kampjuni għand il-laboratorju tal-Gvern għal test tal-konduttivita. Richard Attard u Sammy Attard kienu kunsidrati bhala high (madwar 200 iktar mit-test precedenti) filwaqt li ta' Lawrence Borg kien very high (li wkoll kien ta' 200 iktar mit-test precedenti). Il-Vici Sindku innota li t-testijiet huma kollha għoljin. Rita Mifsud innotat li Sammy u Richard Attard kienu taħt il-limitu. Is-Sindku nnota li hu segwa l-process fil-laboratorju li kien rigoruz hafna. Il-parir tal-Avukat tagħna kien li nwaqqgħu lil dak l-offerent li kellu l-konduttivita tiegħu ogħla minn dik permessa. Gie nnotat ukoll li Lawrence Borg ma wegibx għall-kjarifiki li tlabnieh jagħmel dwar il-prezzijet offruti. Il-Kunsill qabel unaniment li nagħtu l-offerta lil Sammy Attard li kien l-orħos wieħed wara Lawrence Borg. Ser nibgħatulu l-letter of acceptance u l-kuntratt jigi ffirmat għal tliet snin mill-1 ta' Jannar 2016 bil-180 Ewro fil-gimgħa.

## 6. Karnival

Dwar il-karnival organizzat is-Sindku nnota li gebel fil-pjazza ma hux ser jintrama. Il-Kumitat organizzattiv iddecieda li narmaw bis-siggijiet peress li issa z-zmien qorob hafna. Il-Vici Sindku semma struttura tal-ħadid li kienet intuzat meta sar dramm fin-Nadur. Is-Sindku nnota li tal-Kultura kellimnihom fuq dak il-palk pero ma għadux jezisti.

Fil-programm tal-Ħadd 31 ta' Jannar 2016 ser nagħtu preferenza lill-kumpaniji Għawdxin. Il-prezentaturi stedinna lil Indri u Manila pero dawn ma jistgħux. Bhala t-tieni preferenza l-kumitat qabel dwar Pawlu Borg Bonaci, George u Pawlu jew xi hadd minn taz-Zoo, jew inkella Eileen Montesin. Ser nippubblikaw kwotazzjoni għall-platforms tal-injam li jistgħu jintuzaw kemm għall-Karnival kif ukoll għall-attivitajiet oħra; din tagħlaq fil-15 ta' Dicembru għaliex ix-xogħol fuqha irid jinbeda mmedjatament. Inħargu r-regoli tat-trakkijiet għall-Karnival spontanju. It-trakkijet ser jigu minn Triq it-Tigrija, jgħaddu minn Triq Lazzru Pisani u jigu verifikati hemmhekk. Ser nippubblikaw il-kwotazzjonijiet tal-Karnival fosthom tas-sigurta (bis-siegha), P.A., tindif tat-toroq, mobile toilets, u dawl tat-toroq. Ser nikru wkoll s-servizz tal-ERRC.

Dwar finanzjament is-Sindku għandu laqgħa mal-Ministru għal Ghawdex fil-11 ta' Dicembru (hu diga kkommetta 5,000 Ewro), General Soft Drinks u MTA u ser nigbru xi ammonti zgħar mingħand kuntratturi oħrajn. Applikajna wkoll għall-15,000 Ewro taht l-iskema tal-Attivitajiet Kulturali.

## 7. Proġett u inawgurazzjoni tal-proġett tal-Pjazza San Pietru u San Pawl.

Is-Sindku nnota li l-inawgurazzjoni tal-pjazza kienet success fosthom anke bil-partecipazzjoni ta' zgħazagh bħala ushers tal-attivita u huwa tajjeb li nirrikonoxxu l-għajnuna ta' dawn in-nies. Il-Viċi Sindku wkoll faħħar din l-organizazzjoni. Is-Sindku nnota li l-Kunsill ser jircievu l-finanzjament kollu relatat max-xogħlijiet fuq din il-pjazza mill-Mizuri 313 u 413. Hu rringrazzja lill-Agent Segretarju Ezekuttiv tal-ħidma kontinwa tiegħu biex ilhaqna dan l-għan. Hu kompla li xogħol li baqa jinkludi zewg totems u madwar 60 plinths fil-widien. Il-Viċi Sindku semma parti mill-pavimentar ta' quddiem il-bieb tal-Knisja. Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku biex jitkellem direttament mal-kuntrattur. Il-Viċi Sindku għogbu ħafna l-bank quddiem iz-zuntier. Hu talab li jeħel iehor quddiem ta' Indrija (kif jinqabez is-Salib).

Is-Sindku nnota li l-Perit ressaq pjanta emendata lil Transport Malta fejn indika l-bankijiet u l-pots u l-għamara kollha tal-pjazza. Ser isiru zewg rampi oħra mal-bankini. Transport Malta hija mistenniha tikkunsidra u tapprova din il-pjanta fil-granet li gejjin. Il-pavimentar ta' quddiem il-

knisja hi ta' pedestrian crossing u ser ikun indikat. Illum gew installati hames bollards oħra ta' quddiem iz-zuntier. Il-bollards li baqa nistgħu nuzawhom 'il quddiem. Il-Vici Sindku semma postijiet fejn nistgħu nwaħħlu notice boards bl-avvizi tagħna. Il-berga tnaddfet u minn nhar it-Tnejn ser terga tibda tintuza kif kienet qabel. Is-Sindku nnota li s-sular ta' fuq tal-Berga u l-garaxx ta' Triq Grunju qed jitnaddfu u jintuzaw ahjar. Hu kompla li kif tigi approvata l-pjanta emendata tal-Perit, irridu niddeciedu fuq l-imwejjed u siggijiet. Is-Sindku kompla li eventwalment noħorgu offerta pubblika għall-pots u pjanti fil-pjazza. Il-Perit ser jagħmel disinn tagħhom u jippreparalna l-specifikazzjonijiet inkluz l-kriterji tal-G.P.P. halli nkunu nistgħu nippubblikawha.

Is-Sindku kompla li qed jitnaddaf ix-xelter li, minhabba bokka partikulari, kien qed jimtela bl-ilma. Il-kuntrattur ppropona x'nistgħu nagħmlu ghall-ventilazzjoni; irridu nitkellmu miegħu. Saret sistema tad-dawl fix-xelter u ser tigi certifikata mill-istess Inginier li ccertifikaw ix-xogħol fil-pjazza. L-ispejjez konnessi max-xelter huma parti koperti bl-offerta u parti le.

Is-Sindku nnota li l-Go kitbulna għas-6,000 Ewro li kienu jinvolvu ħsarat ta' meta ntlaqat cable tagħhom. Il-kuntratturi Said u Ta' Xmun qed jitkellmu mal-assiguraturi tagħhom dwar din it-talba. Hu nnota wkoll li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, wara li sena ilu taw l-L.A. lill-kuntattur għax-xoghlijet relatati mad-drenagg fil-pjazza, irtirawha u ma jridux iħallsuh. Il-kuntrattur qed jitkellem mal-avukat tiegħu u ser issir laqgħa mal-Inginier Camilleri dwar dan.

## 8. Approvazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bord għall-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

Is-Sindku ta' merħba lil Sue-Ellen Bugeja li, wara l-hatra taghha b'effett mit-30 ta' Novembru 2015, ser tibda formalment fid-9 ta' Dicembru. Is-Sindku talab li l-Agent Segretarju Ezekuttiv jibqa jservi sal-ahhar tas-sena kull nhar ta' Sibt sabiex jieħu ħsieb xi affarijiet oħra fosthom il-finanzjament li rridu nircievu mill-Mizuri 313 u 413. Sue-Ellen ser tmur xi sieghat il-Kunsill tax-Xewkija biex tagħti hand-over. Kien hemm qbil li l-Kunsill qed jahdem b'armonija.

## 9. Kwotazzjoni tat-Tizjin tal-Milied.

Is-Sindku nnota li kellna zewg offerti mingħand l-istess kuntrattur. Gie nnotat li l-Kunsill ma nefaqx flus din is-sena fuq Kuncert tal-Milied u għalhekk gew iffrankati madwar 2,000 Ewro. Intgħazlet l-offerti ta' 3964.80 Ewro u ser isir l-armar skont id-disinni sottomessi. Is-Sindku nnota li jridu jsiru zewg toqob fejn il-presepju haj fi Triq it-Tigrija.

## 10. Affarijiet Oħra.

a) Monti – Is-Sindku semma li rridu nikkunsidraw rilokazzjoni tal-hawkers u inżommu

f'moħħna it-tables and chairs tal-bottegini tal-pjazza l'quddiem;

b) Ambaxxatur Russu – Is-Sindku ssuggerielu, waqt laqgħa li kellu miegħu, li mmorru fis-sajf u ntellgħu magħna rapprezentanti tal-Banda u forsi tal-Isport biex naraw fuq liema livelli nistgħu nikkollaboraw.

c) Is-Sindku ppropona li nixtru hampers għal dawk il-persuni li qed jgħinuna fl-attivitajiet u l-ħidma tagħna matul is-sena. Hu ser jinforma lill-kunsilliera lil min dawn ser jingħataw.

d) Talba mingħand Rita Vella għal sinjali sofor quddiem il-bieb tad-dar biex tkun tista toħrog bil-wheel-chair.

e) Talbiet għal bankini ġodda fi Triq Duru u fir Triq Hida. Il-Vici Sindku semma l-bankina ta' Cauchi fi Triq l-Imnarja u sement ma bankina fi Triq Guze Ellul Mercer.

f) Il-Kunsill qabel li nordnaw 40 cake għall-anzjani tac-Centru tal-Anzjani.

g) Michael Camilleri innota li ppropenewlu mera fi Triq Kav. Guze Camilleri; il-Kunsill qabel li din issir. Hu ppropona wkoll bus shelter fejn il-playing field tal-Hali.

h) Is-Sindku semma fil-pjazza rridu nagħmlu bus shelter; irridu naraw fejn ser inpogguha.

**11. Data għall-laqgħa oħra**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 p.m.

Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2015 fil-5.30 p.m. Dakinhar issir ukoll l-ikla tal-Milied ghall-kunsilliera u mpjegati.

EDWARD SAID
MAYOR

Sue-Ellen Buġeja
Executive Secretary.

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru 10

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 03/11/15 - 02/12/15

| Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Christine Refalo | €22.35 | €22.50 | | Reimbursement for Pilates | 23-11-15 | | 14327 |
| Mario Vella | €120.00 | €120.00 | | House use in Square | 23-11-15 | | 14328 |
| VOID | VOID | VOID | | VOID | 23-11-15 | | 14329 |
| Peter Paul Said | €30.00 | €30.00 | | Watchman - inauguration Pjazza | 23-11-15 | | 14330 |
| Mayor | €440.36 | €440.36 | | Mayor's Allowance - November | 24-11-15 | | 14331 |
| Clerk Scale 15 | €979.18 | €979.18 | | Salary November | 24-11-15 | | 14332 |
| Employee Scale 14 | €1,231.62 | €1,231.62 | | Salary November | 24-11-15 | | 14333 |
| VOID | VOID | VOID | | VOID | 25-11-15 | | 14334 |
| Nadur Local Council | €80.78 | €80.78 | | Petty Cash | 27-11-15 | | 14335 |
| ARMS Ltd | €120.00 | €120.00 | | | 11-17-15 | | 14336 |
| Grace Portelli | €104.72 | €104.72 | | | 30-11-15 | | 14337 |
| Josef Said | €100.00 | €100.00 | | | 30/811/15 | | 14338 |
| Zuzana Svobadova | €250.00 | €250.00 | | Part-Payment for Pilates lessons | 09-12-15 | | 14339 |
| D.O.I. | €9.32 | €9.32 | | Advert | 09-12-15 | | 14340 |
| Rita Sultana | €120.00 | €120.00 | | Day Centre Helper - October | 09-12-15 | | 14341 |
| M'Rose Grima | €120.00 | €120.00 | | Day Centre Helper - October | 09-12-15 | | 14342 |
| Gemma Zammit | €140.00 | €140.00 | | Day Centre Co-Ordinator - October | 09-12-15 | | 14343 |
| Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €96.62 | €96.62 | | Contract manager fee | 30-11-15 | 3715 | 14344 |
| VOID | VOID | VOID | | VOID | 10-12-15 | | 14345 |
| Michele Maresca | €166.85 | €166.85 | | Lunch for Cicciano delegation | 08-11-15 | | 14346 |
| **Total** | **€4,131.80** | **€4,131.95** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Minuti 28

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 10**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 03/11/15 - 02/12/15

| Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| J.Meilaq | €200.00 | €200.00 | | Trophy for Gieh in-Nadur | 06-11-15 | 1330 | 14347 |
| Michael Refalo | €120.00 | €120.00 | | Emptying of Cesspit | 04-10-15 | 3271 | 14348 |
| VOID | VOID | VOID | | VOID | 14-12-15 | | 14349 |
| Michael Refalo | €120.00 | €120.00 | | Emptying of Cesspit | 09-11-15 | 3278 | 14350 |
| Manuel Mercieca | €200.00 | €200.00 | | Hire of folding chairs | 16-11-15 | 1079 | 14351 |
| VOID | VOID | VOID | | VOID | 14-12-15 | | 14352 |
| Dolphin Pools | €15.00 | €15.00 | | Acid | 14-11-15 | 18616 | 14353 |
| Dominic Department Stores | €6.35 | €6.35 | | Flower pot | 27-10-15 | 07-Jun | 14354 |
| D-Square | €40.30 | €40.30 | | Clipboards and safety pins | 11-11-15 | 303 | 14355 |
| Azzopardi Supermarket | €18.25 | €18.25 | | Groceries | 07-11-15 | | 14356 |
| Vassallo Jewellers | €150.00 | €150.00 | | Pins | 05-11-15 | 12977646 | 14357 |
| Chris Paul Cardona | €169.50 | €169.50 | | Sweeping of San Blas Area - October | 30-10-15 | 39 | 14358 |
| Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | | Cleaning of Public Convenience - October | 03-11-15 | 8664064 | 14359 |
| B.C.D. Graphics Ltd. | €33.04 | €33.04 | | Usher tags and plastic holders | 12-11-15 | 5559 | 14360 |
| B.C.D. Graphics Ltd. | €26.25 | €26.25 | | Marathon numbers flaminated | 06-11-15 | 6048 | 14361 |
| B.C.D. Graphics Ltd. | €23.60 | €23.60 | | Marathon numbers flaminated | 13-11-15 | 5571 | 14362 |
| Michelle Camilleri | €875.00 | €875.00 | | Provision of accountancy services | 02-12-15 | I/NLC | 14363 |
| Gatt Tarmac Ltd. | €490.17 | €490.17 | | Supply of cold asphalt | 20-11-15 | 1573 | 14364 |
| Chiara Siracusa | €250.00 | €250.00 | | Concert for inauguration of Square | 19-11-15 | NLC94 | 14365 |
| Upper Lip | €450.00 | €450.00 | | Musical Services for Halloween | 21-11-15 | Feb-15 | 14366 |
| | €3,372.71 | €3,372.71 | | | | | |
| **balance b/f** | **€4,131.80** | **€4,131.95** | | | | | |
| **balance c/f** | **€7,504.51** | **€7,504.66** | | | | | |

Sindku ____________________ Segretarju Eżekuttiv ____________________

Kunsillier ____________________ Kunsillier ____________________

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 10**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 03/11/15 - 02/12/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | B.D.L. | €139.35 | €139.35 | | Books | 05-10-15 | Mar-16 | 14367 |
| 42 | JDB Digital Printing | €63.00 | €63.00 | | Invitations | 13-11-15 | 10833 | 14368 |
| 43 | Dolphin Pools | €345.00 | €345.00 | | Liquid Acid | 13-11-15 | 20060/20061/20059 /20057/20058 | 14369 |
| 44 | ARMS Ltd. | €87.42 | €87.42 | | Electricity bill | 27-11-15 | 21237764 | 14370 |
| 45 | Marthese Caruana | €128.38 | €128.38 | | Cleaner September and October | 31-10-15 | | 14371 |
| 46 | Emanuel Delicata & Sons Ltd. | €280.42 | €280.42 | | Wine | 12-11-15 | 10167908 | 14372 |
| 47 | Xerri's garden Centre | €94.40 | €94.40 | | 40 plants | 13-11-15 | 2426 | 14373 |
| 48 | Xerri's garden Centre | €171.10 | €171.10 | | 7 large olive trees | 14-11-15 | 2427 | 14374 |
| 49 | Charles Said | €31.20 | €31.20 | | Material used during inauguration of Square | 12-11-15 | | 14375 |
| 50 | Security First Services Ltd. | `99.12 | €99.12 | | Security services | 16-11-15 | 32/2015 | 14376 |
| 51 | Security First Services Ltd. | €75.52 | €75.52 | | Security services | 07-11-15 | 31/2015 | 14377 |
| 52 | Ozone Ltd. | €64.01 | €64.01 | | Telephone bill | 31-10-15 | 115046 | 14378 |
| 53 | Horace Enterprises Ltd. | €23.60 | €23.60 | | 2 timers | 03-11-15 | 5878 | 14379 |
| 54 | ARMS Ltd. | €43.40 | €43.40 | | Electricity bill | 21-11-15 | 21205385 | 14380 |
| 55 | Perm.Sec.Ministry for Justice Culture & Local Government | €40.00 | €40.00 | | Advert | 11-11-15 | | 14381 |
| 56 | Tonina Portelli | €30.30 | €30.30 | | Sandwiches for blood donation event | 30-11-15 | | 14382 |
| 57 | Paramount Coaches | €236.00 | €236.00 | | 2 x 53 seater coaches | 01-10-15 | 10002092 | 14383 |
| 58 | Pierre Vella | €290.00 | €290.00 | | Signs | 11-11-15 | 15008 | 14384 |
| 59 | Go Plc | €87.60 | €87.60 | | Telephone Bill | 07-11-15 | 46022185 | 14385 |
| 60 | Go Plc | €13.93 | €13.93 | | Telephone bill | 07-11-15 | 46028773 | 14386 |
| | **Sub total** | **€2,244.63** | **€2,343.75** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€7,504.51** | **€7,504.66** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€9,749.14** | **€9,848.41** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 10**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 03/11/15 - 02/12/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Mario Mallia | €334.00 | €209.71 | | Street paint | 10-11-15 | 337 | 14387 |
| | Mario Mallia | €146.20 | €146.20 | | White paint | 14-11-15 | 342 | 14388 |
| | Maria Hamoki | €260.00 | €260.00 | | Children entertainment services | 31/10/152 | 0266/2015 | 14389 |
| | Kummissjoni Arbli Mnarja | €32.50 | €32.50 | | Glassfibre flag pole | 07-11-15 | 0006/2015 | 14390 |
| | ELC Ltd | €370.00 | €370.00 | | Spraying of 37 palm trees | 01-07-15 | 14025 | 14391 |
| | ELC Ltd | €370.00 | €370.00 | | Spraying of 37 palm trees | 01-07-15 | 14026 | 14392 |
| | Perit Robert Grech | €753.63 | €753.63 | | PPP Road Tender | 03-11-15 | 236/576-18 | 14393 |
| | Perit Robert Grech | €358.92 | €358.92 | | PPP Road Tender | 03/11/815 | 236/576-19 | 14394 |
| | Gozo Half Marathon | €50.00 | €50.00 | | Hiring of 2 stop watches | 21-10-15 | 2016/01 | 14395 |
| | KIP | €3,591.00 | €3,591.00 | | Refuse Collection October | 31-10-15 | 20051 | 14396 |
| | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Fuel Allowance October | 10-12-15 | | 14397 |
| | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd | €96.62 | €96.62 | | Contract Manager Fee | 31-10-15 | 3585 | 14398 |
| | Mario Cardona | €34.50 | €34.50 | | Maintenance at Dahlet Qorrot Public Convenience | 21-06-15 | 56 | 14399 |
| | Mario Cardona | €118.75 | €118.75 | | Opening of Public convenience October | 31-10-15 | 55 | 14400 |
| | Benny Zammit | 220 | 220 | | Dinner at Ta' Kenuna | 28-06-15 | | 14401 |
| | M.Camilleri | 207.09 | 207.09 | | 9 pole covers | 23-11-15 | 208 | 14402 |
| | Joseph Caruana Co. Ltd. | €154.00 | €154.00 | | 7 rolls membrane | 24-11-15 | 178112 | 14403 |
| | Pyronix | €3,540.00 | €0.00 | #### | Rental of system and labour | 26-11-15 | 45 | 14404 |
| 79 | Paul Portelli | €234.00 | €234.00 | | Design and production of Hidmietna f'Isimkom | 25-11-15 | 22 | 14405 |
| 80 | Gozo Business Chamber | €60.00 | €60.00 | | Trees at Ghammar | 16-11-15 | | 14406 |
| | **Sub total** | **€11,036.21** | **€7,371.92** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€9,749.14** | **€9,848.41** | | | | | |
| | **Total** | **€20,785.35** | **€17,220.33** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
03/11/15 - 02/12/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Peter Paul Said | €1,896.18 | €1,896.18 | | Cement in Duru street | 18-11-15 | 24-01-12 | 14407 |
| 82 | Peter Paul Said | €549.88 | €549.88 | | Labour in duru street | 18-11-15 | 4406 | 14408 |
| 83 | Peter Paul Said | €1,151.09 | €1,151.09 | | Hire of machinery in Duru street | 18-11-15 | 4408 | 14409 |
| 84 | Chris Paul Cardona | €169.50 | €169.50 | | Sweeping of san Blas Area November | 30-11-15 | | 14410 |
| 85 | Mario Cardona | €118.75 | €118.75 | | Opening of Public Convenience November | 30-11-15 | 57 | 14411 |
| 86 | Anthony Magro | €72.25 | €72.25 | | Handyman November | 30-11-15 | | 14412 |
| 87 | M'Rose Grima | €120.00 | €120.00 | | Day Centre Helper November | 30-11-15 | | 14413 |
| 88 | Rita Sultana | €120.00 | €120.00 | | Day Centre Helper November | 30-11-15 | | 14414 |
| 89 | Carmen Mifsud | €165.00 | €165.00 | | Day Centre Co-Ordinator November | 31/11/15 | | 14415 |
| 90 | Mary Attard | €78.84 | €78.84 | | Librarian November | 30-11-15 | | 14416 |
| 91 | KIP | €3,391.50 | €3,391.50 | | Refuse Collection November | 30-11-15 | 20206 | 14417 |
| 92 | Enemalta | €233.00 | €233.00 | | Update of Database | 30-11-15 | ############### | 14418 |
| 93 | Ozone Ltd | €42.16 | €42.16 | | Telephone bill | 30-11-15 | 115944 | 14419 |
| 94 | Azzopardi Supermarket | €13.53 | €13.53 | | Groceries | 13-11-15 | | 14420 |
| 95 | Edward Said | €440.36 | €440.36 | | Mayor's Allowance | 14-12-15 | | 14421 |
| 96 | Clerk Scale 15 | €1,121.21 | €1,121.21 | | Salary December | 14-12-15 | | 14422 |
| 97 | Employee Scale 14 | €1,226.05 | €1,226.05 | | Salary December | 14-12-15 | | 14423 |
| 98 | Edward Said | €600.00 | €600.00 | | Mayor's allownace | 14-12-15 | | 14424 |
| 99 | Eucharist Camilleri | €450.00 | €450.00 | | Councillor's Allowance | 14-12-15 | | 14425 |
| 100 | Rita Mifsud | €480.00 | €480.00 | | Councillor's Allowance | 14-12-15 | | 14426 |
| | | **€12,439.30** | **€12,439.30** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€20,785.35** | **€17,220.33** | | | | | |
| | **Total** | **€33,224.65** | **€29,659.63** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru 10

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 03/11/15 - 02/12/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 | Josianne Cutajar | €480.00 | €480.00 | | Councillor's Allowance | 14-12-15 | | 14427 |
| 102 | Michael Camilleri | €600.00 | €600.00 | | Councillor's Allowance | 14-12-15 | | 14428 |
| 103 | ELC | €370.00 | €370.00 | | Spraying of 37 Palm trees | 31-07-15 | 14027 | 14429 |
| | CIR | €905.25 | €905.25 | | FS5 November | 30-11-15 | | 14430 |
| | Gabrielle Said | €22.12 | €22.12 | | Groceries for cup cakes | 15-12-15 | | 14431 |
| | Matthew Xuereb | €320.79 | €320.79 | | November | 21-12-15 | | 14432 |
| | Claire Azzopardi | €89.00 | €89.00 | | Coffee machine | 21.12.15 | | 14433 |
| | Peter Paul Said | €960.00 | €960.00 | | Hire of Van in June | 21-12-15 | 4283 | 14434 |
| | ERRC | €60.00 | €60.00 | | Zipline Activity | 10/08/415 | 12085 | 14435 |
| | Nadur Local Council | €83.00 | €83.00 | | Petty Cash | 07-12-15 | | 14436 |
| | **Total** | **€3,890.16** | **€3,890.16** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier